MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 464/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alessio Micallef**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alessio Micallef talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

(2) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur ta' l-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

(3) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza;

(4) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta' Gunju 2006 liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42, 49 et seq., 185(1), 115(a)(b)(c), 120(1), 121A(1) u 121A(2) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imsemmi Alessio Micallef hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih hlief l-addebitu tar-recidiva u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 qed ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi (1) tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-imsemmi Alessio Micallef hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, (2) filwaqt li thassar dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta u minflok, (3) teroga kontra tieghu l-piena skond il-ligi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa dwar il-piena peress illi jsostni illi l-ewwel Qorti kienet prekluza milli taghti sentenza sospiza ta' prigunerija. Jghid illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi r-reati precedenti li kien ikkommetta l-appellat kienu ta' natura involontarja. Barra minn hekk l-appellat stess ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**6.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011 quddiem l-ewwel Qorti, l-appellat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet "kollha kif dedotti kontrih u rega' kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu".

**7.** Issa, l-ahhar imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hi dik ta' recidiva in vista ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Gunju 2006. Giet esebita kopja legali ta' din is-sentenza u minnha jirrizulta illi l-appellat kien instab hati, *inter alia*, ta' sewqan ta' vettura b'manjiera perikoluza u li ma kienx kopert b'polza ta' sigurta`. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, dawn mhumiex reati ta' natura involontarja u ghalhekk mhuwiex applikabbli l-artikolu 52 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, u anke in vista ta' l-ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellat, l-ewwel Qorti ma setghetx ma ssibux hati anke ta' l-addebitu ta' recidiva. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 28A tal-Kap. 9, cioe` ma setghetx tikkundanna lill-appellat ghal sentenza sospiza ta' prigunerija. Ghalhekk din il-Qorti trid tapplika piena skond il-ligi.

**8.** Issa, mill-atti jirrizulta l-ewwelnett illi l-appellat ikkoopera mal-Pulizija u ghamel ammissjoni bikrija ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Mill-istqarrija tieghu jirrizulta illi huwa wettaq ir-reati in kwistjoni biex jassisti persuna wahda. Mill-fedina penali jirrizulta, almenu *prima facie*, sensiela ta' kundanni minhabba nuqqas ta' hlas ta' manteniment lil martu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellat

huwa kandidat idoneju ghall-*probation* peress illi dan il-mezz ta’ trattament huwa “piena” li tista’ tigi applikata skond il-ligi u huwa mezz ta’ kif l-appellat ikollu s-supervizjoni u l-ghajnuna mehtiega sabiex ma jwettaqx reati ohra.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat hati ta’ l-addebitu tar-recidiva u minflok issibu hati wkoll ta’ dak l-addebitu, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghdu taht *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------